Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,610, 20 ta' April, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIX tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-liġi li tirregola l-professjoni legali.

ACT No. XIX of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend legislation regulating the legal profession.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

20 ta' April, 2021

ATT Nru XIX tal-2021

ATT sabiex jemenda l-liġi li tirregola l-professjoni legali.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 dwar Riforma fil-Professjoni Legali. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

2. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi". Emendi tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

3. L-artikolu 78A tal-Kodiċi għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 78A tal-Kodiċi.

"(2) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, kemm-il darba r-rabta ta' kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"avukat" tfisser persuna awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 79;

"ditta legali" tfisser assoċjazzjoni jew soċjetà ċivili, sew jekk formalment kostitwita u sew jekk le, jew kwalsiasi struttura legali oħra ta' avukati kwantu professjonisti;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali kif imwaqqaf bl-artikolu 3 tal-Att dwar Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja; Kap. 369.

"Reġistru" tfisser ir-Reġistru miżmum mill-Kumitat skont l-artikolu 88D fejn tinżamm informazzjoni fuq individwi li għandhom warrant sabiex jipprattikaw bħala avukati jew prokuraturi legali u fuq ditti legali.".

Emenda tal-artikolu 79 tal-Kodiċi.

4. L-artikolu 79 tal-Kodiċi għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) u għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-ebda persuna ma tista' teżerċita l-professjoni ta' avukat jew tipprovdi servizzi legali f'Malta jew b'xi mod ieħor tipproġetta lilha nnifisha bħala furnitur ta' kwalunkwe servizzi legali f'Malta mingħajr l-awtorità tal-President ta' Malta mogħtija permezz ta' warrant taħt Siġill Pubbliku ta' Malta li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat u wara li tali persuna tkun tniżżlet fir-Reġistru kif xieraq skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Hekk kif jingħata l-warrant skont is-subartikolu (1), il-Kumitat għandu jirreġistra lill-avukat fir-Reġistru miżmum mill-Kumitat.

(3) Kull persuna li taġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) jew perjodu ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sena (1), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Emenda tal-artikolu 80 tal-Kodiċi.

5. Fl-artikolu 80 tal-Kodiċi, minnufih wara l-kliem "eżerċizzju tal-professjoni" għandhom jiżdiedu l-kliem "tal-avukat".

6. L-artikolu 81 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 81 tal-Kodiċi.

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) persuna tajba u xierqa kif irrakkomandat mill-Kumitat;";

(b) il-paragrafi (b), (ċ), (d), (e) u (f) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (ċ), (d), (e), (f) u (g) rispettivament;

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) ta' kondotta u morali tajba u mhux u ma kienx involut jew mhux jew ma kienx assoċjat ma' xi attività jew prattika li fil-fehma tal-Kumitat mhijiex kompatibbli mal-eżerċizzju tal-professjoni legali jew ma jkunx ġab ruħu b'tali mod li jista' jitfa' dubju fuq l-onesta u l-integrità tiegħu;";

(d) il-paragrafu (d) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) kiseb il-grad akkademiku fil-liġi skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatut tal-Università ta' Malta jew kwalifika oħra bħal dik li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kumitat, jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, jew grad komparabbli, minn awtorità kompetenti oħra, skont il-prinċipji ta' rikonoxximent reċiproku, wara li jkun studja l-liġi f'Malta jew fi Stat Membru;";

(e) il-paragrafu (e) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "fil-paragrafu (ċ)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-paragrafu (d)"; u

(f) fil-paragrafu (g) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) ġie eżaminat u appruvat minn żewġ imħallfin, illi, taħt il-firma u siġill tagħhom, jagħtu ċertifikat li sabu li għandu l-kwalifiki kif imsemmija fil-paragrafi (b) sa (e) u li huwa kompetenti biex jeżerċita l-professjoni ta' avukat fil-qrati ta' Malta.";

(g) l-artikolu 81 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) fl-intier tiegħu u minnufih wara għandu

jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Kumitat għandu minn żmien għal żmien u bl-approvazzjoni tal-Ministru, jipprepara u jippubblika regoli u linji gwida li jipprovdu ħtiġijiet illi persuna trid tissodisfa minn żmien għal żmien biex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-artikolu 81(a), (b) u (ċ).".

Sostituzzjoni tal-artikolu 84 tal-Kodiċi.

7. L-artikolu 84 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Kawżi ta' skwalifika.

84. (1) Persuna tista' b'mod perpetwu jew għal xi żmien ma titħalliex tipprattika l-professjoni ta' avukat fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, jekk dik il-persuna:

(a) ma għadhiex persuna tajba u xierqa;

(b) naqset b'mod serju, ripetut u sistematiku li tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha taħt l-Att kontra *Money Laundering* jew taħt ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu;

Kap. 373.
L.S. 373. 01.

(ċ) instabet ħatja minn qorti ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi jew li xjentement irċiviet proprjetà miksuba minn serq jew frodi jew ta' xi delitt punibbli bi priġunerija ta' aktar minn sena (1) bl-eċċezzjoni ta' reati involuntarji; u

(d) hija kkunsidrata li qiegħda tbati minn marda tal-moħħ li tkun qed taffettwalha serjament l-eżerċizzju tal-professjoni tagħha.

(2) L-irtirar temporanju jew permanenti, minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn l-avukat ikun kiseb id-dritt li juża titolu professjonali u l-awtorizzazzjoni sabiex jipprattika l-professjoni, għandu jwassal awtomatikament biex l-avukat ikun temporanjament jew permanentement projbit milli jipprattika f'Malta.

(3) L-iskwalifika msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi ddikjarata mill-President ta' Malta permezz ta' ittra lir-reġistraturi tal-Qrati ta' Malta u Għawdex u lill-avukat skwalifikat, sakemm l-avukat ma jiġix interdettjat permezz ta' sentenza finali mogħtija minn qorti:

Iżda l-Kumitat jista' jagħti parir lill-President ta' Malta li jneħħi l-iskwalifika msemmija qabel.".

8. Minnufih wara l-artikolu 84 tal-Kodiċi għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

"Il-Kamra tal-Avukati.

84A. (1) Il-Kamra tal-Avukati għandha tkun korp professjonali indipendenti għall-avukati f'Malta u għandha tkun irregolata mill-istatut tagħha u minn dan il-Kodiċi.

(2) Il-Kamra għandha teżerċita funzjonijiet dwar ir-rappreżentanza u l-promozzjoni tal-interessi tal-professjoni u tal-avukati u d-ditti legali. Dawn il-funzjonijiet għandhom jinkludu:

(a) il-ħarsien u l-protezzjoni tad-dinjità, l-unur u r-reputazzjoni tal-professjoni ta' avukat;

(b) l-inkoraġġiment ta' professjoni legali indipendenti, b'saħħitha, diversa u effettiva;

(ċ) li tippromwovi u tiżgura konformità ma' prinċipji professjonali għolja u ma' regoli ta' mġiba etika minn avukati;

(d) li ġġib 'il quddiem u tippromwovi livell u standard ta' kompetenza u ħila fil-professjoni fost oħrajn permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu u biex tagħmel arranġamenti u rekwiżiti għall-iżvilupp professjonali kontinwu.

(3) Is-sħubija fil-Kamra għandha tkun miftuħa għall-avukati u ditti legali kollha li huma eliġibbli biex jiġu mniżżla fir-Reġistru taħt dan il-Kodiċi skont l-Istatut tal-Kamra applikabbli minn żmien għal żmien, bil-ħlas ta' dik is-sħubija u l-miżata annwali kif il-Kamra tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi. Il-Kamra tista' tiġbor ħlasijiet oħra għall-provvista ta' servizzi oħra lill-membri.

(4) Jekk fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha bħala korp professjonali l-Kamra ssir taf b'kondotta ħażina minn avukat jew ditta legali u jkun jidher lilha li dik il-kondotta ħażina tista' jkollha riperkussjonjiet serji u negattivi ġenerali fuq id-dinjità, l-unur u r-reputazzjoni tal-professjoni kollha, il-Kamra għandha d-dritt li tippreżenta rapport lill-Kumitat għal azzjoni ta' dixxiplina li għandha tittieħed kontra dik il-persuna regolata.".

9. L-artikolu 85 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid Jissostitwixxi l-artikolu 85 tal-Kodiċi.

li ġej:

"Eżerċizzju tal-professjoni ta' prokuraturi legali.

85. (1) Ħadd ma jista' jiġi ammess biex jeżerċita bħala prokuratur legali mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-President ta' Malta mogħtija b'warrant taħt is-Siġġill Pubbliku ta' Malta, li jkun qiegħed jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

(2) Mal-għotja tal-warrant skont is-subartikolu (1), il-Kumitat għandu jirreġistra lill-prokuratur legali fir-Reġistru miżmum mill-Kumitat.

(3) Kull persuna li taġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) jew perjodu ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sena (1), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Emenda tal-artikolu 87 tal-Kodiċi

10. L-artikolu 87 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) persuna tajba u xierqa kif irrakkomandat mill-Kumitat;";

(b) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) ġie eżaminat u approvat minn żewġ imħallfin, illi, taħt il-firma u siġill tagħhom, jagħtu ċertifikat li sabu li għandu l-kwalifiki msemmija fil-paragrafi (b) sa (d) u li huwa kompetenti biex jeżerċita l-professjoni ta' prokuratur legali fil-qrati ta' Malta.".

Żieda ta' artikoli ġodda mal-Kodiċi.

11. Minnufih wara l-artikolu 88 tal-Kodiċi għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ditti legali.

88A. (1) Ditta legali għandha tiġi rreġistrata fir-Reġistru miżmum mill-Kumitat wara applikazzjoni bil-miktub sottomessa lill-Kumitat u l-ebda soċjetà jew assoċjazzjoni ta' persuni jew entità legali, tkun kif tkun iffurmata, ma għandha taġixxi jew tiddistingwi ruħa bħala ditta legali u l-ebda persuna ma għandha tkun intitolata, rikonoxxuta jew awtorizzata li taġixxi f'isem jew fl-interess tad-ditta legali sakemm din ma tkunx ġiet reġistrata kif suppost kif intqal qabel:

Iżda ditti legali li jkunu diġà jeżistu għandhom jiġu rreġistrati fi żmien tnax (12)-il xahar minn meta tidħol fis-seħħ din id-dispożizzjoni tal-liġi, u wara din id-data l-ebda persuna ma tkun intitolata, rikonoxxuta jew awtorizzata li taġixxi f'isem jew fl-interess ta' ditta legali mhux reġistrata.

(2) L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kif ġej:

(a) isem id-ditta legali;

(b) isem u kunjom, data tat-twelid, post ta' residenza u numru ta' identifikazzjoni ta' kull membru ta' dik id-ditta;

(ċ) l-isem ta' dawk l-avukati vestiti bir-rappreżentanza u l-ġestjoni ta' dik id-ditta legali; u

(d) l-indirizz u l-post minn fejn id-ditta legali tkun se tipprovdi s-servizzi tagħha.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-proviso tas-subartikolu (1), kull persuna, li ma tkunx avukat, li tagħmel użu mit-tismija "ditta legali" jew xi tismija simili oħra, kemm bil-miktub jew mod ieħor, jew ta' kwalunkwe forma oħra ta' lingwa jew kliem li jistgħu jiġu perċepiti bħala ditta legali jew li jimplikaw b'mod qarrieqi l-eżistenza ta' ditta legali meta l-ebda ditta legali bħal din ma tkun irreġistrata fir-Reġistru miżmum mill-Kumitat, għandha tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn tnax-il elf euro (€12,000) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Isem tad-ditti legali.

88B. (1) L-isem tad-ditta legali:

(a) għandu jinkludi termini bħal "avukati", "legali", "ditta legali" jew kliem ta' importazzjoni simili li huma maħsuba sabiex jindikaw in-natura tad-ditta u s-servizzi li tipprovdi;

(b) ma għandux ikollu kliem ħażin jew kliem li hu kkonsidrat bħala offensiv jew li jkollu effett negattiv fuq id-dekor u d-dinjità tal-professjoni legali;

(ċ) ma għandux ikun qarrieqi jew li jqarraq bil-pubbliku inġenerali u bil-persuni li jinħtieġu servizzi legali dwar in-natura veru tad-ditta u s-servizzi li tipprovdi;

(d) jista' jinkludi:

(i) l-isem jew l-ismijiet ta' avukat wieħed jew aktar avukati li jkun sieħeb jew sieħba fid-ditta legali, jew kwalunkwe abbrevazzjoni tiegħu jew tagħhom; jew

(ii) l-isem ta' avukat jew ta' kwalunkwe abbrevazzjoni tiegħu li ma jkunx baqa' sieħeb fid-ditta, fejn l-imsieħba eżistenti jkunu ddeċidew li jżommu l-istess isem tad-ditta jew l-isem tal-eks sieħeb bħala parti mill-isem tad-ditta legali.

(2) L-ebda persuna jew entità ma għandha tagħmel użu minn isem jew marka li hija indikattiva minn ta' ditta legali sakemm id-ditta legali ma tkunx irreġistrata skont dan it-Titolu.

(3) Ditta legali ma tkunx irreġistrata mill-Kumitat sakemm l-isem tad-ditta legali ma jkunx jissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan l-artikolu u l-ksur ta' din id-dispożizzjoni minn ditta legali jkun jikkostitwixxi mġiba ħażina.

L-obbligi tal-avukati li japplikaw f'ditti legali.

88Ċ. Minkejja kull dispożizzjoni fi kwalunkwe liġi oħra u kull ftehim kuntrarju:

(a) kwalunkwe att jew servizz magħmul jew provdut minn avukat jista' jiġi magħmul jew provdut minn wieħed jew aktar mill-imsieħba f'isem jew fl-interess tad-ditta legali u kwalunkwe att jew servizz magħmul f'isem id-ditta legali għandu jsir u jiġi pprovdut minn wieħed jew aktar mill-imsieħba; u

(b) kwalunkwe projbizzjoni imposta fuq avukati permezz jew taħt kwanunkwe liġi għandha tapplika wkoll għad-ditti legali.

Reġistru ta' professjonisti legali u ditti legali.

88D. (1) Il-Kumitat għandu jżomm Reġistru aġġornat li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ismijiet tal-persuni li għandhom fil-pussess tagħhom warrant biex jipprattikaw bħala avukati;

(b) l-ismijiet tal-persuni li għandhom fil-pussess tagħhom warrant biex jipprattikaw bħala prokuraturi legali;

(ċ) l-isem tad-ditti legali imwaqqfin skont dan it-Titolu, inkluż l-ismijiet u d-dettalji ta' identifikazzjoni ta' dawk l-avukati u professjonisti oħra bil-warrant li huma membri ta' dawn id-ditti legali.

(2) Ir-Reġistru għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni tal-pubbliku mingħajr ħlas.".

TAQSIMA II
Emendi għall-Att dwar Kummissjoni għall-Ammistrazzjoni tal-Ġustizzja

Emendi tal-Att dwar Kummissjoni għall-Ammistrazzjoni tal-Ġustizzja. Kap. 369.

12. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Kummissjoni għall-Ammistrazzjoni tal-Ġustizzja u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Kummissjoni għall-Ammistrazzjoni tal-Ġustizzja, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "imġieba ħażina" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ditta legali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kodiċi tal-Etika u Mġiba Għall-Avukati u għandha wkoll tinkludi assoċjazzjoni jew soċjetà li tikkonsisti f'impjieg ta' avukati prattikanti;";

Kap. 12.

(b) it-tifsira "imġieba ħażina" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "imġieba ħażina li għandha x'taqsam ma' avukati u prokuraturi legali" tfisser:

(a) kull ksur tal-kodiċi jew kodiċijiet ta' etika relattivi għall-professjoni tal-avukati jew prokuraturi legali, skont il-każ;

(b) nuqqas serju ta' konformità mal-obbligazzjonijiet ta' kontra l-ħasil ta' flus u kontra l-finanzjar ta' terroriżmu taħt l-Att kontra *Money Laundering* jew ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, rapportat lill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja;

Kap. 373.
L.S. 373. 01.

(ċ) jinstab ħati minn qorti ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi jew li jkun jaf li rċieva proprjetà miksuba minn serq jew frodi jew ta' reat punibbli b'perjodu ta' priġunerija li ma jeċċidix sena (1), bl-eċċezzjoni ta' reati involontarji;".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu 2 tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali għandu jkun magħmul minn:

(a) Chairperson maħtur minn fost l-imħallfin irtirati mill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' (4) snin;

(b) avukat maħtur mill-Avukat Ġenerali għal perjodu ta' erba' (4) snin;

(ċ) avukat maħtur mill-Avukat tal-Istat għal perjodu ta' erba' (4) snin;

(d) uffiċjal pubbliku anzjan mill-Ministeru responsabbli għall-ġustizzja li għandu jiġi maħtur mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja; u

(e) tliet (3) avukati maħtura mill-Kamra tal-Avukati għal perjodu ta' erba' (4) snin, b'dan li meta l-Kumitat ikun qiegħed jittratta ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-professjoni ta' prokuraturi legali, jew li għandhom x'jaqsmu mal-kondotta ta' xi prokuratur legali, tliet (3) prokuraturi legali maħtura mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali għandhom joqogħdu minflok it-tliet (3) avukati maħtura mill-Kamra tal-Avukati.";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta l-membri li għandhom jinħatru taħt is-subartikolu (2)(v) ma jinħatrux fi żmien ġimagħtejn minn meta ssir sejħa għall-ħatra tagħhom mis-Segretarju tal-Kummissjoni, il-ħatra tal-membri msemmija għaldaqshekk issir mill-President ta' Malta li fl-għemil ta' dik il-ħatra jaġixxi skont il-ġudizzju tiegħu nnifsu biss.";

(ċ) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subartikolu ġdid li ġej:

"(5) (a) Il-Kumitat ikun kompetenti f'dawk il-materji li jaqgħu taħt il-funzjonijiet tal-Kummissjoni li għandhom x'jaqsmu mal-kondotta professjonali ta' avukati u prokuraturi legali u mal-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom inġenerali; u

(b) Il-Kumitat għandu jkun responsabbli sabiex jissodisfa l-funzjonijiet assenjati lilu taħt it-Titolu V tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."; u

Kap. 12.

(d) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kliem "fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew permezz ta' ditta legali fis-dispożizzjoni tas-servizzi tagħha, jew issib li avukat jew prokuratur legali ma għadux aktar persuna tajba u xierqa";

(ii) il-paragrafi (b), (ċ) u (d) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (ċ), (d) u (e) rispettivament; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (a) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) jirrakkomanda lill-Kummissjoni li r-reġistrazzjoni ta' ditta legali tiġi sospiża għal dejjem jew għal żmien speċifikat; jew".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

15. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, il-kliem "Tliet membri" għandhom jiġu sostitwiti fil-kliem "Erba' (4) membri, inkluż iċ-Chairperson,".

Sostituzzjoni tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali li jissorvelja.

5. (1) Il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali għandu, minn jeddu stess, jew fuq talba tal-Kummissjoni, jew wara li jsir ilment minn persuna, is-setgħa u d-dover li:

(a) jinvestiga, jagħmel inkjesta dwar u jiddeċiedi fuq kull imġiba ħażina ta' xi avukat jew prokuratur legali fl-eżerċizzju tal-professjoni jew ta' kwalunkwe ditta legali fid-dispożizzjoni tas-servizzi tagħha fuq ilment li avukat jew prokuratur legali ma għadux persuna tajba u xierqa sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu jew dwar kull inkapaċità ta' avukat jew prokuratur legali fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu minħabba inkapaċità tal-moħħ jew minħabba li d-ditta legali ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-Kodiċi ta' Etika;

Kap. 12.

(b) mingħajr ħsara għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed taħt kull liġi oħra, li jimponi pieni dixxiplinarji u li jieħu dik il-miżura oħra li jista' jqis xierqa u kif hemm provdut dwarhom f'dan l-Att.

(2) Kull investigazzjoni jew inkjesta kif imsemmija taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tista' tinbeda mill-Kumitat biss fi żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-Kummissjoni, il-Kumitat jew min għamel l-ilment, skont il-każ, isiru jafu b'dik l-imġiba ħażina:

Iżda f'kull każ kull investigazzjoni jew inkjesta kif imsemmija taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tista' biss tinbeda mhux aktar tard minn ħames (5) snin minn meta tkun saret dik l-imġiba ħażina.".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

17. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) Sew il-persuna jew id-ditta legali li l-Kumitat jiddeċiedi kontriha kif ukoll il-Kamra tal-Avukati meta l-ilment ikun kontra avukat jew ditta legali, u l-Kamra tal-Prokuraturi Legali meta l-ilment ikun kontra prokuratur legali, għandhom dritt ta' appell lill-Kummissjoni:"; u

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "Min isir ilment kontrih ikollu jedd iħarrek lil min jagħmel l-ilment minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, l-qorti tista' tagħti lill-persuna" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Min isir ilment kontrih jew kontra ditta legali jkollu jedd iħarrek lil min jagħmel l-ilment minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ dak

iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, il-qorti tista' tagħti lill-persuna jew lid-ditta legali".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "Min jilmenta u l-persuna li l-kondotta tagħha tkun qiegħda tiġi investigata għandhom il-jedd li jkunu preżenti waqt li jkun għaddej il-proċess investigattiv kollu, li jipproduċi xhieda li jsostnu l-ilment tagħhom, jew li jsostnu id-difiża, u li jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali. Sakemm il-persuna" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Min jilmenta u l-persuna jew id-ditta legali li l-kondotta tagħha tkun qiegħda tiġi investigata għandhom il-jedd li jkunu preżenti waqt li jkun għaddej il-proċess investigattiv kollu, li jipproduċu xhieda li jsostnu l-ilment tagħhom, jew li jsostnu d-difiża, u li jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali. Sakemm il-persuna jew id-ditta legali"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kelma "avukat" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ditta legali".

Tħassir tar-Regoli dwar il-Proċedura tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali.
L.S. 369. 01.

19. Ir-Regoli dwar il-Proċedura tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali huma b'dan imħassra.

Emendi għar-Regoli dwar Appelli minn Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali.
L.S. 369. 02.

20. Minnufih wara r-regola 15 tar-Regoli dwar Appelli minn Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali għandha tiżdied ir-regola ġdida li ġejja:

"Appelli minn ditti legali.

16. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli mressqa minn ditti legali.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 448 tal-14 ta' April, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati